Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1149

tal-15 ta' April 2016

li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li jirrigwarda l-programmi ta' appoġġ nazzjonali fis-settur tal-inbid u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 555/2008

(ĠU L 190, 15.7.2016, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/374 tas-27 ta' Jannar 2021	L 72	3	3.3.2021

▼B

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1149

tal-15 ta' April 2016

li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li jirrigwarda l-programmi ta' appoġġ nazzjonali fis-settur tal-inbid u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 555/2008

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET INTRODUTTORJI

Artikolu 1

Kamp ta' applikazzjoni u użu tat-termini

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi dispożizzjonijiet li jissupplimentaw it-Taqsima 4 tal-Kapitolu II tat-Titolu I tal-Parti II tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 dwar programmi ta' appoġġ fis-settur tal-inbid.

2. Dan ir-Regolament m'għandux jaffettwa l-applikazzjoni ta':

(a) dispożizzjonijiet speċifiċi li jirregolaw relazzjonijiet bejn Stati Membri fil-ġlieda kontra l-frodi fis-settur tal-inbid sakemm ikunu tax-xorta li jiffaċilitaw l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament;

(b) regoli relatati ma':

(i) proċedimenti kriminali jew assistenza reċiproka bejn Stati Membri f'livell ġudizzjarju b'rabta ma' kwistjonijiet kriminali;

(ii) il-proċedura dwar pieni amministrattivi.

3. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, "operazzjoni" tfisser l-azzjoni jew il-grupp ta' azzjonijiet li huma inklużi fi proġett jew kuntratt sottomess minn applikant u magħżul mill-awtoritajiet nazzjonali skont programm ta' appoġġ speċifiku, li jikkorrispondi għal kwalunkwe mill-attivitajiet taħt il-miżuri msemmija fl-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

Artikolu 2

Responsabbiltà għall-infiq

L-Istati Membri għandhom iġorru r-responsabbiltà għal kull infiq li jseħħ bħala parti mill-programm ta' appoġġ tagħhom jew bħala parti minn kull bidla fil-programm sottomessa lill-Kummissjoni skont l-Artikoli 1 u 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1150 f'każ li ma jkunux applikabbli skont l-Artikolu 41(4) jew (5) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

▼B

KAPITOLU II

DISPOŻIZZJONIJIET DWAR MIŻURI TA' APPOĠĠ SPEĊIFIĊI

TAQSIMA 1

Promozzjoni

Subtaqsima 1

Dispożizzjonijiet komuni

Artikolu 3

Benefiċjarji

Il-benefiċjarji tal-appoġġ imsemmija fl-Artikolu 45 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 għandhom ikunu organizzazzjonijiet professjonali, assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi tal-inbid, assoċjazzjonijiet temporanji jew permanenti ta' żewġ produtturi jew iżjed, organizzazzjonijiet interprofessjonali jew, fejn Stat Membru jiddeċiedi hekk, korpi kkontrollati mil-liġi pubblika skont it-tifsira tal-Artikolu 1(9) tad-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

Il-kumpaniji privati jistgħu jkunu benefiċjarji tal-miżura msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 45(1) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

L-Istati Membri m'għandhomx jagħmlu lil korp irregolat bil-liġi pubblika l-benefiċjarju uniku tal-appoġġ.

Artikolu 4

It-tul taż-żmien tal-appoġġ

L-appoġġ għal kull operazzjoni ta' informazzjoni u promozzjoni għandu jdum mhux iżjed minn tliet snin għal benefiċjarju speċifiku fi Stat Membru speċifiku għall-miżura msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 45(1) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u għal benefiċjarju speċifiku f'pajjiż terz jew suq ta' pajjiż terz speċifiku għall-miżura msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 45(1) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

Madankollu, jekk dan huwa ġġustifikat minħabba l-effetti tal-operazzjoni, l-appoġġ għal operazzjoni jista' jiġi estiż darba għal mhux iżjed minn sentejn jew darbtejn għal mhux iżjed minn sena għal kull estensjoni.

Artikolu 5

Spejjeż eliġibbli u regoli tar-rimborż għal operazzjonijiet ta' informazzjoni u promozzjoni

Soġġett għall-Artikolu 45 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u l-Artikoli 6 u 9 ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jiffissaw regoli li jistabbilixxu l-azzjonijiet eliġibbli u l-ispejjeż eliġibbli rispettivi tagħhom. Dawk ir-regoli għandhom jitfasslu b'mod li jkun żgurat li l-għanijiet tal-iskemi stabbiliti fl-Artikolu 45 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jintlaħqu.

([1]) Id-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 fuq kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi (ĠU L 134, 30.4.2004, p. 114).

▼B

Dawn ir-regoli għandhom jipprovdu b'mod partikolari għall-ħlas jew fuq il-bażi ta' skali standard ta' spejjeż għal kull unità kkalkulati skont l-Artikolu 24 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1150 jew fuq il-bażi tad-dokumenti ta' appoġġ li jridu jiġu sottomessi mill-benefiċjarji.

Subtaqsima 2

Informazzjoni fl-Istati Membri

Artikolu 6

Operazzjonijiet eliġibbli

1. L-operazzjonijiet u l-azzjonijiet sottostanti tagħhom li għalihom huwa applikat l-appoġġ imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 45(1) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 għandhom jikkonsistu minn informazzjoni għall-konsumaturi fl-Istati Membri dwar il-konsum responsabbli tal-inbid u r-riskju assoċjat mal-konsum tal-alkoħol li jikkawża ħsara u mill-iskema tal-Unjoni għad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti fir-rigward tal-kwalità speċifika, ir-reputazzjoni jew karatteristiċi oħrajn tal-inbid minħabba l-ambjent ġeografiku jew l-oriġini partikolari tiegħu.

2. L-attivitajiet ta' informazzjoni li ssir referenza għalihom fil-paragrafu 1 jistgħu jitwettqu permezz ta' kampanji ta' informazzjoni u permezz ta' parteċipazzjoni f'avvenimenti, fieri u wirjiet ta' importanza f'livell nazzjonali jew tal-Unjoni.

3. L-informazzjoni li tiġi mxerrda għandha tkun ibbażata fuq il-kwalitajiet intrinsiċi tal-inbid jew fuq il-karatteristiċi tiegħu, u ma għandhiex tkun orjentata favur xi marki kummerċjali u lanqas ma għandha tħajjar il-konsum tal-inbid fuq il-bażi tal-oriġini speċifiku tiegħu. Madankollu, l-oriġini tal-inbid tista' tkun indikata bħala parti mill-attività ta' informazzjoni.

4. L-informazzjoni kollha dwar l-effetti tal-konsum tal-inbid fuq is-saħħa u l-imġiba għandha tkun ibbażata fuq dejta xjentifika aċċettata b'mod ġenerali u għandha tkun kompatibbli mal-approċċ tal-awtorità nazzjonali responsabbli mis-saħħa pubblika fl-Istat Membru fejn jitwettqu l-operazzjonijiet.

Artikolu 7

Kriterji ta' eliġibbiltà

L-Istati Membri għandhom jeżaminaw applikazzjoni skont il-kriterji li ġejjin:

(a) l-operazzjonijiet u l-azzjonijiet sottostanti tagħhom huma definiti b'mod ċar, u jiddeskrivu l-attivitajiet ta' informazzjoni u jinkludu stima tal-kostijiet;

(b) l-assigurazzjoni li l-ispejjeż proposti tal-operazzjoni ma jaqbżux ir-rati normali tas-suq;

(c) l-assigurazzjoni li l-benefiċjarji għandhom aċċess għal riżorsi tekniċi u finanzjarji biżżejjed biex jiżguraw li l-operazzjoni tiġi implimentata b'mod effettiv;

(d) il-konsistenza mal-istrateġiji proposti u l-għanijiet stabbiliti u l-impatti u s-suċċess probabbli fis-sensibilizzazzjoni tal-konsumatur dwar il-konsum responsabbli tal-inbid u r-riskju assoċjat mal-konsum tal-alkoħol li jikkawża ħsara jew dwar is-sistema tal-Unjoni tad-denominazzjoni protetta ta' oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti.

▼B

Artikolu 8

Kriterji ta' prijorità

1. Wara li jeżaminaw l-applikazzjonijiet, l-Istati Membri għandhom jagħtu preferenza lill-operazzjonijiet li:

(a) jikkonċernaw kemm il-konsum responsabbli tal-inbid kif ukoll is-sistemi tal-Unjoni li jkopru d-denominazzjonijiet protetti ta' oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti;

(b) li jikkonċernaw diversi Stati Membri;

(c) li jikkonċernaw diversi reġjuni amministrattivi jew tal-inbid;

(d) li jikkonċernaw diversi denominazzjonijiet tal-oriġini protetti jew indikazzjonijiet ġeografiċi protetti tal-Unjoni.

2. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu kriterji oħrajn ta' prijorità billi jindikawhom fil-programm ta' appoġġ. Kriterji ta' prijorità oħrajn bħal dawn għandhom ikunu bbażati fuq l-istrateġija u l-għanijiet speċifiċi stabbiliti fil-programm ta' appoġġ u għandhom ikunu oġġettivi u nondiskriminatorji.

Subtaqsima 3

Promozzjoni f'pajjiżi terzi

Artikolu 9

Operazzjonijiet eliġibbli

L-operazzjonijiet u l-azzjonijiet sottostanti li għalihom huwa applikat l-appoġġ imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 45(1) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 għandhom ikunu konsistenti mal-promozzjoni tal-inbejjed tal-Unjoni fi swieq ta' pajjiżi terzi sakemm:

(a) il-prodotti jkunu maħsubin għal konsum dirett u opportunitajiet ta' esportazzjoni, jew potenzjalment ikunu jeżistu għalihom postijiet ta' bejgħ fi swieq ġodda fil-pajjiżi terzi mmirati;

(b) l-oriġini tal-prodott ikun indikat bħala parti minn operazzjoni ta' informazzjoni jew promozzjoni fil-każ ta' nbid b'denominazzjoni ta' oriġini protetta jew indikazzjoni ġeografika protetta;

(c) l-operazzjoni appoġġjata tkun definita b'mod ċar, inkluża l-ispeċifikazzjoni ta' liema prodotti jkunu jistgħu jitqiesu, l-azzjonijiet tal-kummerċjalizzazzjoni u l-istima tal-kostijiet;

(d) il-messaġġi tal-informazzjoni jew tal-promozzjoni jkunu msejsa fuq il-kwalitajiet intrinsiċi tal-inbid, u jkunu konformi mal-leġiżlazzjoni applikabbli fil-pajjiżi terzi li fihom ikunu mmirati.

Artikolu 10

Kriterji ta' eliġibbiltà

L-Istati Membri għandhom jeżaminaw applikazzjoni skont il-kriterji li ġejjin:

(a) l-operazzjonijiet u l-azzjonijiet sottostanti tagħhom huma definiti b'mod ċar, u jiddeskrivu l-attivitajiet ta' informazjzoni u jinkludu l-istima tal-kostijiet;

(b) l-assigurazzjoni li l-ispejjeż proposti tal-operazzjoni ma jaqbżux ir-rati normali tas-suq;

▼B

(c) l-assigurazzjoni li l-benefiċjarji għandhom aċċess għal biżżejjed kapaċità teknika biex jiffaċċjaw il-limitazzjonijiet speċifiċi tal-kummerċ ma' pajjiżi terzi u jkollhom riżorsi biżżejjed biex jiżguraw li l-operazzjoni tkun implimentata b'mod effettiv kemm jista' jkun;

(d) evidenza sottomessa mill-benefiċjarji li se jkunu disponibbli prodotti biżżejjed fir-rigward ta' kwalità u kwantità biex ikun żgurat li d-domanda tas-suq tintlaqa' għal tul ta' żmien wara l-operazzjoni ta' promozzjoni;

(e) il-konsistenza bejn l-istrateġiji proposti u l-għanijiet stabbiliti u l-impatt u s-suċċess potenzjali li għalihom twassal żieda fid-domanda għall-prodotti konċernati.

Artikolu 11

Kriterji ta' prijorità

1. Wara li jeżaminaw l-applikazzjonijiet, l-Istati Membri għandhom jagħtu preferenza lil:

(a) benefiċjarji ġodda li ma rċevewx l-appoġġ imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 45(1) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 fil-passat;

(b) benefiċjarji li jimmiraw pajjiż terz ġdid jew suq ta' pajjiż terz ġdid li għalihom ma rċevewx l-appoġġ imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 45(1) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 fil-passat.

2. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu kriterji oħrajn ta' prijorità billi jindikawhom fil-programm ta' appoġġ. Kriterji ta' prijorità oħrajn bħal dawn għandhom ikunu bbażati fuq l-istrateġija u l-għanijiet speċifiċi stabbiliti fil-programm ta' appoġġ u għandhom ikunu oġġettivi u nondiskriminatorji.

TAQSIMA 2

Ristrutturar u konverżjoni ta' vinji

Artikolu 12

Benefiċjarji

Il-benefiċjarji tal-appoġġ imsemmi fl-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 għandhom ikunu produtturi tal-inbid kif definit fil-punt (a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 436/2009 ([1]).

([1]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 436/2009 tas-26 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2008 f'dak li jirrigwarda r-reġistru tal-vinji, il-prospetti obbligatorji u l-istabbiliment ta' tagħrif għall-monitoraġġ tas-suq, id-dokumenti li jakkumpanjaw il-ġarr tal-prodotti u r-reġistri li għandhom jinżammu fis-settur tal-vinji tal-inbid (ĠU L 128, 27.5.2009, p. 15).

▼B

Artikolu 13

Kriterji ta' eliġibbiltà

L-Istati Membri għandhom jeżaminaw applikazzjoni skont il-kriterji li ġejjin:

(a) id-deskrizzjoni dettaljata tal-azzjonijiet proposti u l-iskadenzi proposti għall-implimentazzjoni tagħhom;

(b) l-azzjonijiet li jridu jiġu implimentati f'kull sena finanzjarja u ż-żona kkonċernata minn kull operazzjoni.

Artikolu 14

Spejjeż mhux eliġibbli

L-ispejjeż tal-azzjonijiet li ġejjin ma għandhomx ikunu eliġibbli:

(a) il-ġestjoni ta' kuljum ta' vinja;

(b) il-protezzjoni kontra ħsara minn annimali li jiġu kkaċċjati, għasafar jew silġ;

(c) it-twaqqif ta' lqugħ kontra r-riħ u ħitan ta' protezzjoni kontra r-riħ;

(d) toroq privati u liftijiet;

(e) l-akkwist ta' vetturi agrikoli.

Artikolu 15

Thawwil mill-ġdid għal raġunijiet ta' saħħa jew fitosanitarji

1. It-thawwil mill-ġdid ta' vinja wara qlugħ obbligatorju għal raġunijiet ta' saħħa jew fitosanitarji skont l-istruzzjoni ta' awtorità kompetenti ta' Stat Membru msemmija fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 46(3) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 għandu jkun eliġibbli għall-appoġġ sakemm l-Istat Membru:

(a) jikkomunika lill-Kummissjoni fil-qafas tas-sottomissjoni tal-programm nazzjonali ta' appoġġ jew tal-modifikazzjoni tiegħu, il-lista ta' organiżmi ta' ħsara koperti minn dik il-miżura kif ukoll sommarju ta' pjan strateġiku relatat stabbilit mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat;

(b) huwa konformi mad-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE ([1]).

2. Matul sena finanzjarja speċifika, l-infiq għat-thawwil mill-ġdid għal raġunijiet ta' saħħa jew fitosanitarji ma għandux jaqbeż il-15 % tal-infiq annwali totali fuq ristrutturar u konverżjoni ta' vinji fl-Istat Membru konċernat matul l-istess sena finanzjarja.

3. L-ispejjeż tal-qlugħ ta' vinji infettati u l-kumpens għat-telf tal-qligħ ma għandhomx jikkostitwixxu nfiq eliġibbli.

([1]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-pjanti jew għall-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità (ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1).

▼B

Artikolu 16

Kriterji ta' prijorità

L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu kriterji ta' prijorità billi jindikawhom fil-programm ta' appoġġ. Kriterji ta' prijorità bħal dawn għandhom ikunu bbażati fuq l-istrateġija u l-għanijiet speċifiċi stabbiliti fil-programm ta' appoġġ u għandhom ikunu oġġettivi u nondiskriminatorji.

TAQSIMA 3

Ħsad bikri

Artikolu 17

Benefiċjarji

Il-benefiċjarji tal-appoġġ imsemmi fl-Artikolu 47 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 għandhom ikunu produtturi tal-inbid kif definit fil-punt (a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 436/2009.

Artikolu 18

Kundizzjonijiet għall-funzjonament tajjeb

Għall-finijiet tal-Artikolu 47 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, l-Istati Membri għandhom jadottaw regoli biex ikun żgurat li ż-żoni konċernati jinżammu f'kundizzjonijiet veġetattivi tajbin u li ebda impatt negattiv fuq l-ambjent, u ebda konsegwenza fitosanitarja, ma jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-miżura msemmija f'dak l-Artikolu u biex ikun żgurat li jkun possibbli li ssir verifika li l-operazzjonijiet u l-azzjonijiet jitwettqu b'mod korrett.

Fir-rigward ta' dawn l-għanijiet, l-Istati Membri jistgħu japplikaw restrizzjonijiet għall-miżura abbażi ta' kriterji oġġettivi u nondiskriminatorji, inkluż iż-żmien meta jitkabbru varjetajiet differenti, riskji ambjentali jew fitosanitarji jew il-metodu li jintuża biex titwettaq il-miżura.

L-Istati Membri jistgħu jadottaw kundizzjonijiet oħrajn għall-funzjonament tajjeb tal-miżura msemmija fl-Artikolu 47 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

Artikolu 19

Kriterji ta' eliġibbiltà

L-Istati Membri għandhom jeżaminaw applikazzjoni fuq il-bażi tad-dettalji dwar iż-żona konċernata, ir-rendiment medju, il-metodu ta' ħsad bikri li jkun se jintuża, kif ukoll il-varjetà ta' għeneb u t-tip ta' nbid prodott minnha.

▼B

Artikolu 20

Azzjonijiet mhux eliġibbli

1. F'każ ta' ħsara totali jew parzjali lil għelejjel minħabba, b'mod partikolari, diżastru naturali skont it-tifsira tal-Artikolu 2(9) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 702/2014 ([1]) jew avveniment klimatiku avvers li jista' jiġi assimilat għal diżastru naturali skont it-tifsira tal-Artikolu 2(16) ta' dak ir-Regolament, qabel id-data tal-ħsad bikri, m'għandu jingħata l-ebda appoġġ għall-ħsad bikri.

2. F'każ ta' ħsara totali jew parzjali li sseħħ bejn il-ħlas għall-appoġġ tal-ħsad bikri u l-perjodu tal-ħsad, jista' ma jingħata l-ebda kumpens finanzjarju mill-assigurazzjoni tal-ħsad għal telf ta' dħul finanzjarju għaż-żona li tkun diġà ngħatat appoġġ.

Artikolu 21

Ħsad bikri f'roqgħat raba' għall-produzzjoni tal-inbejjed b'indikazzjonijiet ġeografiċi

Iż-żona ta' kull roqgħa raba' li tingħata appoġġ għal ħsad bikri ma għandhiex tingħadd meta jiġu kkalkulati l-limiti ta' rendiment stabbiliti fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ta' nbejjed b'denominazzjoni ta' oriġini protetta jew indikazzjoni ġeografika protetta.

Artikolu 22

It-tul taż-żmien tal-appoġġ

Sabiex ikun eliġibbli għall-appoġġ, il-ħsad bikri m'għandux ikun applikat fuq l-istess roqgħa għal sentejn konsekuttivi.

Artikolu 23

Kriterji ta' prijorità

L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu kriterji ta' prijorità billi jindikawhom fil-programm ta' appoġġ. Kriterji ta' prijorità bħal dawn għandhom ikunu bbażati fuq l-istrateġija u l-għanijiet speċifiċi stabbiliti fil-programm ta' appoġġ u għandhom ikunu oġġettivi u nondiskriminatorji.

TAQSIMA 4

Fondi mutwi

Artikolu 24

Benefiċjarji

Il-benefiċjarji tal-appoġġ imsemmi fl-Artikolu 48 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 għandhom ikunu produtturi tal-inbid kif definit fil-punt (a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 436/2009 jew produtturi tal-prodotti msemmija fil-Parti II tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

([1]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 702/2014 tal-25 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna fis-setturi tal-agrikoltura u l-forestrija u f'żoni rurali kompatibbli mas-suq intern bl-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 193, 1.7.2014, p. 1).

▼B

Artikolu 25

Il-kundizzjonijiet għall-appoġġ

1. Fejn l-appoġġ imsemmi fl-Artikolu 48 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jintuża għall-finanzjament tal-ispiża amministrattiva biex jiġu stabbiliti fondi mutwi, dan għandu jkun limitat għall-proporzjon li ġej tal-kontribuzzjoni tal-produtturi għall-fond reċiproku fl-ewwel, fit-tieni u fit-tielet sena ta' implimentazzjoni tiegħu: 10 %, 8 % u 4 %.

2. L-Istati Membri jistgħu jiffissaw l-ogħla limiti għall-ammonti ta' appoġġ li jista' jkun riċevut għall-finanzjament tal-ispejjeż amministrattivi għat-twaqqif ta' fondi mutwi.

Artikolu 26

It-tul taż-żmien tal-appoġġ

Dan il-perjodu ta' appoġġ ma għandux jaqbeż it-tliet snin.

TAQSIMA 5

Assigurazzjoni tal-ħsad

Artikolu 27

Benefiċjarji

1. Il-benefiċjarji tal-appoġġ imsemmi fl-Artikolu 49 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 għandhom ikunu produtturi tal-inbid kif definit fil-punt (a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 436/2009.

2. Produtturi tal-inbid li japplikaw għall-appoġġ għandhom jagħmlu l-polza tal-assigurazzjoni tagħhom disponibbli għall-awtoritajiet nazzjonali biex jippermettu lill-Istati Membri jkunu konformi mal-kundizzjoni stipulata fl-Artikolu 49(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

Artikolu 28

Ħlasijiet lill-benefiċjarji

1. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jħallsu l-appoġġ imsemmi fl-Artikolu 49(1) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 permezz ta' kumpaniji ta' assigurazzjoni li jaġixxu bħala intermedjarji, bil-kundizzjoni li:

(a) il-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 49(4) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jiġu rispettati;

(b) l-ammont tal-appoġġ ikun trasferit kollu lill-produttur;

(c) il-kumpanija ta' assigurazzjoni tħallas l-appoġġ lill-produttur jew bil-quddiem, permezz ta' tnaqqis tal-primjum tal-assigurazzjoni, jew permezz ta' trasferiment bankarju jew postali fi żmien ħmistax-il jum wara li tirċievi l-ħlas mingħand l-Istat Membru.

2. L-użu ta' intermedjarji għandu jkun wieħed li ma jġibx distorsjoni tal-kundizzjonijiet kompetittivi fis-suq tal-assigurazzjoni.

▼B

Artikolu 29

Kundizzjonijiet għall-funzjonament tajjeb

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 49 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, l-Istati Membri għandhom jadottaw kundizzjonijiet għall-funzjonament tajjeb tal-miżura msemmija f'dak l-Artikolu, li jinkludu dawk meħtieġa biex jiġi żgurat li l-appoġġ ma joħloqx distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq tal-assigurazzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jiffissaw l-ogħla limiti għall-ammonti li jistgħu jiġu riċevuti għall-appoġġ biex ikunu rrispettati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 49(3) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013. L-Istati Membri jistgħu jiffissaw il-livell abbażi tar-rati normali tas-suq u tas-suppożizzjonijiet standard dwar telf ta' dħul. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kalkoli:

(a) jinkludu biss elementi li jkunu verifikabbli;

(b) ikunu bbażati fuq ċifri stabbiliti permezz tal-kompetenzi xierqa;

(c) ikunu jindikaw biċ-ċar is-sors taċ-ċifri;

(d) jikkunsidraw il-kundizzjoni ta' siti reġjonali jew lokali kif ikun xieraq.

Artikolu 30

Użu ta' termini

Għall-finijiet tal-Artikolu 49 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, "diżastri naturali" tfisser diżastri naturali kif definit fl-Artikolu 2(9) tar-Regolament (UE) Nru 702/2014 u "avvenimenti klimatiċi avversi li jistgħu jkunu assimilati ma' diżastru naturali" tfisser avvenimenti klimatiċi avversi li jistgħu jkunu assimilati ma' diżastru naturali kif definit fl-Artikolu 2(16) ta' dak ir-Regolament.

Artikolu 31

Kriterji ta' prijorità

L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu kriterji ta' prijorità billi jindikawhom fil-programm ta' appoġġ. Kriterji ta' prijorità bħal dawn għandhom ikunu bbażati fuq l-istrateġija u l-għanijiet speċifiċi stabbiliti fil-programm ta' appoġġ u għandhom ikunu oġġettivi u nondiskriminatorji.

TAQSIMA 6

Investimenti

Artikolu 32

Benefiċjarji

Il-benefiċjarji tal-appoġġ imsemmi fl-Artikolu 50 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 għandhom ikunu intrapriżi tal-inbid li jipproduċu jew jikkumerċjalizzaw il-prodotti msemmija fil-Parti II tal-Anness VII ta' dak ir-Regolament, organizzazzjonijiet ta' produtturi tal-inbid, assoċjazzjonijiet ta' żewġ produtturi jew iżjed jew organizzazzjonijiet interprofessjonali.

▼B

Artikolu 33

Azzjonijiet eliġibbli u spejjeż eliġibbli

1. Huma biss l-ispejjeż tal-azzjonijiet li ġejjin li għandhom ikunu eliġibbli għall-appoġġ:

(a) il-kostruzzjoni, l-akkwiżizzjoni, il-lokazzjoni jew it-titjib tal-proprjetà immobbli;

(b) ix-xiri jew il-lokazzjoni b'opzjoni ta' xiri ta' makkinarju u tagħmir ġdid sal-valur fis-suq tal-assi;

(c) l-ispejjeż ġenerali b'rabta ma' nfiq imsemmi fil-punti (a) u (b), b'mod partikolari t-tariffi ta' arkitetti, inġiniera u għall-konsulenza, kif ukoll spejjeż relatati ma' studji ta' fattibbiltà;

(d) l-akkwist jew l-iżvilupp ta' softwer tal-kompjuter u l-akkwiżizzjoni ta' privattivi, liċenzji u drittijiet tal-awtur u r-reġistrazzjoni ta' marki kollettivi.

L-istudji ta' fattibbiltà msemmija fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu għandhom jibqgħu jitqiesu bħala nfiq eliġibbli anke meta, abbażi tar-riżultati tagħhom, ma jsir l-ebda nfiq skont il-punti (a) u (b) ta' dak is-subparagrafu.

2. Spejjeż oħrajn b'rabta ma' kuntratt ta' lokazzjoni minbarra dawk imsemmija fil-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, b'mod partikolari l-marġni tal-lokatur, spejjeż ta' ffinanzjar mill-ġdid ta' imgħaxijiet, spejjeż indiretti u ħlasijiet ta' assigurazzjoni, m'għandhomx jitqiesu bħala spejjeż eliġibbli.

3. B'deroga mill-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, għal intrapriżi mikro, żgħar u medji skont it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE [1], l-Istati Membri jistgħu, f'każijiet sustanzjati kif imiss mill-programm ta' appoġġ tagħhom, jistabbilixxu l-kundizzjonijiet li bihom ix-xiri ta' tagħmir użat jista' jitqies bħala nfiq eliġibbli.

4. Investimenti ta' sostituzzjoni sempliċi ma għandhomx jikkostitwixxu spejjeż eliġibbli.

Artikolu 34

Kompatibbiltà u konsistenza

Ma għandux jingħata appoġġ skont l-Artikolu 50 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 għal operazzjonijiet tas-suq li jkunu rċevew appoġġ skont l-Artikolu 45 ta' dak ir-Regolament.

Artikolu 35

Kriterji ta' eliġibbiltà

L-Istati Membri għandhom jeżaminaw applikazzjoni skont il-kriterji li ġejjin:

(a) l-operazzjonijiet u l-azzjonijiet sottostanti tagħhom għandhom ikunu definiti b'mod ċar, għandhom jiddeskrivu l-azzjonijiet ta' investiment u għandhom jinkludu l-istima tal-kostijiet;

[1] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/EC tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u medji (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).

▼B

(b) għandu jkun hemm assigurazzjoni li l-ispejjeż proposti tal-operazzjoni ma jaqbżux ir-rati normali tas-suq;

(c) għandu jkun hemm assigurazzjoni li l-benefiċjarji għandhom aċċess għal riżorsi tekniċi u finanzjarji biżżejjed biex jiżguraw li l-operazzjoni tiġi implimentata b'mod effettiv u li l-intraprīża li qed tapplika mhijiex f'diffikultà kif imsemmi fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 50(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013;

(d) il-konsistenza bejn l-istrateġiji proposti u l-għanijiet stabbiliti u l-impatt u s-suċċess probabbli fit-titjib tal-prestazzjoni globali tal-faċilitajiet tal-ipproċessar jew tal-kummerċjalizzazzjoni u l-adattament tagħhom għad-domandi tas-suq, kif ukoll iż-żieda fil-kompetittività tagħhom.

Artikolu 36

Kriterji ta' prijorità

1. Wara li jeżaminaw l-applikazzjonijiet, l-Istati Membri għandhom jagħtu preferenza lill-operazzjonijiet li probabbliment se jkollhom effetti pożittivi f'termini ta' ffrankar ta' enerġija, effiċjenza globali tal-enerġija u proċessi ambjentalment sostenibbli.

2. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu kriterji oħrajn ta' prijorità billi jindikawhom fil-programm ta' appoġġ. Kriterji ta' prijorità oħrajn bħal dawn għandhom ikunu bbażati fuq l-istrateġija u l-għanijiet speċifiċi stabbiliti fil-programm ta' appoġġ u għandhom ikunu oġġettivi u nondiskriminatorji.

TAQSIMA 7

Innovazzjoni fis-settur tal-inbid

Artikolu 37

Benefiċjarji

1. Il-benefiċjarji tal-appoġġ imsemmi fl-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 għandhom ikunu intraprīżi tal-inbid li jipproduċu jew jikkumerċjalizzaw il-prodotti msemmija fil-Parti II tal-Anness VII ta' dak ir-Regolament, organizzazzjonijiet ta' produtturi tal-inbid u assoċjazzjonijiet temporanji jew permanenti ta' żewġ produtturi jew aktar.

2. Ċentri ta' riċerka u żvilupp jistgħu jipparteċipaw fl-operazzjoni segwita mill-benefiċjarji. Organizzazzjonijiet interprofessjonali jistgħu jkunu assoċjati mal-operazzjoni.

Artikolu 38

Azzjonijiet eliġibbli u spejjeż eliġibbli

1. L-operazzjonijiet u l-azzjonijiet sottostanti tagħhom li għalihom huwa applikat l-appoġġ imsemmi fl-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 għandhom ikunu konsistenti mal-investimenti tanġibbli u intanġibbli inkluż it-trasferiment tal-għerf għall-iżvilupp li ġej:

(a) prodotti ġodda marbuta mas-settur tal-inbid jew mal-prodotti sekondarji tal-inbid;

▼B

(b) proċessi u teknoloġiji ġodda meħtieġa għall-iżvilupp tal-prodotti tal-vinja;

(c) investimenti oħrajn li jżidu l-valur fi kwalunkwe stadju tal-katina tal-provvista.

2. L-ispejjeż eliġibbli għandhom jinkludu dawk fir-rigward ta' proġetti pilota, azzjonijiet preparatorji fil-forma ta' żvilupp ta' disinn, prodott, proċess jew teknoloġija u testijiet u kull investiment tanġibbli u/jew intanġibbli relatat magħhom, qabel l-użu tal-prodotti, il-proċessi u t-teknoloġiji li jkunu għadhom kemm ġew żviluppati għal skopijiet kummerċjali.

3. Investimenti ta' sostituzzjoni sempliċi ma għandhomx jikkostitwixxu spejjeż eliġibbli.

Artikolu 39

Kriterji ta' eliġibbiltà

L-Istati Membri għandhom jeżaminaw applikazzjoni skont il-kriterji li ġejjin:

(a) l-operazzjonijiet u l-azzjonijiet sottostanti tagħhom għandhom ikunu definiti b'mod ċar, għandhom jiddeskrivu l-azzjonijiet ta' investiment u għandhom jinkludu l-istima tal-kostijiet;

(b) għandu jkun hemm assigurazzjoni li l-ispejjeż proposti tal-operazzjoni ma jaqbżux ir-rati normali tas-suq;

(c) l-assigurazzjoni li l-benefiċjarji għandhom aċċess għal riżorsi tekniċi u finanzjarji biżżejjed biex jiżguraw li l-operazzjoni tiġi implimentata b'mod effettiv;

(d) il-konsistenza bejn l-istrateġiji proposti u l-għanijiet stabbiliti u l-impatt u s-suċċess probabbli fit-titjib tal-prestazzjoni globali tal-faċilitajiet tal-ipproċessar jew tal-kummerċjalizzazzjoni u l-adattament tagħhom għad-domandi tas-suq, kif ukoll iż-żieda fil-kompetittività tagħhom.

Artikolu 40

Kriterji ta' prijorità

1. Wara li jeżaminaw l-applikazzjonijiet, l-Istati Membri għandhom jagħtu preferenza lill-operazzjonijiet li:

(a) probabbliment se jkollhom effetti pożittivi f'termini ta' ffrankar ta' enerġija, effiċjenza globali fl-użu tal-enerġija u proċessi ambjentalment sostenibbli;

(b) jinkludu element ta' trasferiment ta' għarfien;

(c) jiżguraw il-parteċipazzjoni taċ-ċentri ta' riċerka u żvilupp.

▼B

2. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu kriterji oħrajn ta' prijorità billi jindikawhom fil-programm ta' appoġġ. Kriterji ta' prijorità oħrajn bħal dawn għandhom ikunu bbażati fuq l-istrateġija u l-għanijiet speċifiċi stabbiliti fil-programm ta' appoġġ u għandhom ikunu oġġettivi u nondiskriminatorji.

TAQSIMA 8

Distillazzjoni ta' prodotti sekondarji

Artikolu 41

Benefiċjarji

Il-benefiċjarji tal-appoġġ imsemmi fl-Artikolu 52 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 għandhom ikunu distillaturi ta' prodotti sekondarji tal-produzzjoni tal-inbid.

L-Istati Membri rilevanti jistgħu jintroduċu sistema ta' ċertifikazzjoni volontarja tad-distillaturi skont proċedura li jistabbilixxu huma stess.

Artikolu 42

L-iskop tal-appoġġ

1. L-appoġġ imsemmi fl-Artikolu 52 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 għandu jitħallas lid-distillaturi li jipproċessaw il-prodotti sekondarji kkonsenjati għal distillazzjoni f'alkoħol b'volum ta' qawwa alkoħolika ta' mill-inqas 92 %, maħsub biex jintuża esklussivament għal għanijiet relatati mal-industrija jew mal-enerġija.

L-ewwel subparagrafu ma għandux jipprevjeni l-ipproċessar ulterjuri tal-alkoħol miksub, li fuq il-bażi tiegħu l-ammont ta' appoġġ huwa kkalkulat skont l-Artikolu 18 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1150, sabiex jissodisfa r-rekwiżit tal-Artikolu 52(5) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 rigward l-użu esklussiv għal skopijiet industrijali jew ta' enerġija.

2. L-appoġġ rilevanti għandu jinkludi ammont maħsub bħala kumpens għall-ispejjeż tal-ġarr tal-prodotti kkonċernati, li għandhom ikunu ttrasferiti mingħand id-distillatur lill-produttur, jekk l-ispejjeż rilevanti jitħallsu minn dan tal-aħħar.

KAPITOLU III

REGOLI KOMUNI

Artikolu 43

Projbizzjoni ta' finanzjament doppju

L-Istati Membri għandhom jintroduċu kriterji ta' demarkazzjoni ċari fil-programmi ta' appoġġ nazzjonali tagħhom sabiex jiżguraw li ma jingħata l-ebda appoġġ taħt l-Artikoli 45, 46, 48, 49, 50 u 51 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 rispettivament, għal operazzjonijiet jew azzjonijiet li huma appoġġjati taħt kwalunkwe strument ieħor tal-Unjoni.

▼B

Artikolu 44

Spejjeż eliġibbli u regoli ta' rimborż għal ristrutturar u konverżjoni ta' vinji u ħsad bikri

1. L-Istati Membri għandhom jiffissaw regoli li jistabbilixxu l-operazzjonijiet jew l-azzjonijiet eliġibbli ta' ristrutturar u konverżjoni u ta' ħsad bikri jew l-ispejjeż eliġibbli rispettivi tagħhom. Dawk ir-regoli għandhom jitfasslu b'mod li jkun żgurat li l-għanijiet tal-miżuri stabbiliti fl-Artikolu 46(1) u 47(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jintlaħqu.

Dawn ir-regoli għandhom, b'mod partikolari, jistipulaw li jsir ħlas tal-appoġġ jew fuq il-bażi ta' skali standard ta' spejjeż għal kull unità kkalkulati skont l-Artikolu 24 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1150 jew fuq il-bażi tal-evidenza dokumentata li trid tiġi sottomessa mill-benefiċjarji.

Fil-każ ta' dan tal-aħħar, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu livelli massimi ta' appoġġ b'parametri fissi għal kull azzjoni. Dawn il-livelli għandhom ikunu applikati għat-termini tal-applikazzjoni sabiex jiddeterminaw l-ammont massimu eliġibbli għal kull waħda mill-azzjonijiet li hija parti mill-operazzjoni li qed issir applikazzjoni għaliha. L-appoġġ mogħti għandu jkun ibbażat fuq l-ammont l-iżjed baxx tat-tnejn li jirriżultaw, jiġifieri l-ammont massimu eliġibbli u l-ammont li jirriżulta mill-evidenza dokumentata.

Il-livell massimu ta' appoġġ għandu jkun ibbażat fuq rati tas-suq normali.

Il-kalkolu tal-ispejjeż li jirriżultaw mill-evidenza dokumentata għandu jkun ibbażat fuq il-prinċipji, ir-regoli u l-metodi tal-kontabbiltà użati fl-Istat Membru fejn huwa stabbilit il-benefiċjarju.

2. L-Istati Membri għandhom jiffissaw il-livell ta' kumpens għat-telf ta' dħul stipulat fl-Artikoli 46(4)(a) u 47(3) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 abbażi ta' suppożizzjonijiet standard ta' telf ta' dħul finanzjarju, soġġett għall-Artikoli 46(5) u 47(4) ta' dak ir-Regolament.

3. Jekk l-iskali standard ta' spejjeż għal kull unità jkunu ddeterminati fuq il-bażi taż-żona miżrugħa, dik iż-żona għandha titkejjel skont l-Artikolu 44 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1150.

Artikolu 45

Kontribuzzjonijiet in natura għal ristrutturar u konverżjoni ta' vinji u ħsad bikri

1. Il-kontribuzzjonijiet in natura fil-forma ta' provvista ta' xogħol li għalihom ma sar l-ebda ħlas bil-flus appoġġjat minn fatturi jew dokument ta' valur probattiv ekwivalenti, jistgħu jkunu eliġibbli għall-appoġġ skont l-Artikoli 46 u 47 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 rispettivament, sakemm dak il-programm ta' appoġġ jipprovdi għal dan.

2. Għall-fini tal-kalkolu tal-ammont ta' appoġġ li jikkorrispondi għall-kontribuzzjonijiet in natura:

(a) dawk il-kontribuzzjonijiet in natura għandhom jiġu inklużi fl-iskali standard ta' spejjeż għal kull unità kkalkulati skont l-Artikolu 24 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1150, fejn Stat Membru jagħżel li juża l-għażla ta' rimborż tal-ispejjeż simplifikata; jew

▼B

(b) il-valur tax-xogħol ipprovdut huwa ddeterminat filwaqt li jiżdied iż-żmien iddedikat u r-rata ta' remunerazzjoni għal xogħol ekwivalenti fejn Stat Membru jagħżel il-ħlas tal-appoġġ għal operazzjonijiet ta' ristrutturar u ħsad bikri fuq il-bażi tal-evidenza dokumentata li trid tiġi sottomessa mill-benefiċjarji.

3. Meta l-ammont ta' appoġġ li jikkorrispondi għall-kontribuzzjonijiet in natura huwa kkalkulat skont il-punt (b) tal-paragrafu 2, il-kriterji li ġejjin iridu jkunu sodisfatti:

(a) l-appoġġ imħallas għall-operazzjoni li jinkludi kontribuzzjonijiet in natura ma jaqbiżx in-nefqa totali eliġibbli, minbarra l-kontribuzzjonijiet in natura, fl-aħħar tal-operazzjoni;

(b) il-valur attribwit lill-kontribuzzjonijiet in natura ma jaqbiżx l-ispejjeż aċċettati ġeneralment fis-suq inkwistjoni;

(c) il-valur u t-twassil tal-kontribuzzjoni in natura jistgħu jiġu vvalutati u vverifikati b'mod indipendenti.

Il-kriterju msemmi fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu ma japplikax għall-operazzjonijiet appoġġjati skont l-Artikolu 47 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 li għandhom biss bħala spiża x-xogħol pprovdut bħala kontribuzzjoni in natura.

Artikolu 46

Eliġibbiltà tal-ispejjeż tal-personal

1. L-ispejjeż fuq il-persunal imħallsa mill-benefiċjarju tal-appoġġ imsemmi fl-Artikolu 45 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jew mill-benefiċjarju tal-appoġġ imsemmi fl-Artikolu 51 ta' dak ir-Regolament għandhom jitqiesu bħala eliġibbli għall-appoġġ jekk dawn jitħallsu fir-rigward tal-preparazzjoni, l-implimentazzjoni jew is-segwitu ta' dik l-operazzjoni appoġġjata partikolari, inkluż l-evalwazzjoni.

Spejjeż fuq il-persunal bħal dawn jinkludu, fost affarijiet oħra, l-ispejjeż fuq il-persunal ikkuntrattat mill-benefiċjarju speċifikament għall-operazzjoni ta' promozzjoni jew innovazzjoni u l-ispejjeż li jikkorrispondu għas-sehem tas-sigħat ta' xogħol investiti fl-operazzjoni ta' promozzjoni jew innovazzjoni mill-persunal permanenti tal-benefiċjarju.

2. Il-benefiċjarju għandu jissottometti l-evidenza dokumentata li tistabbilixxi d-dettalji tax-xogħol tabilħaqq imwettaq fir-rigward tal-operazzjoni partikolari jew ta' kull azzjoni sottostanti, jekk rilevanti.

3. Sabiex jiġu ddeterminati l-ispejjeż tal-persunal relatati mal-implimentazzjoni ta' operazzjoni mill-persunal permanenti tal-benefiċjarju, ir-rata fis-siegħa applikabbli għandha tkun ikkalkulata bid-diviżjoni tal-kostijiet ta' impjieg gross annwali ddokumentati l-aħħar tal-impjegati speċifiċi li ħaddmu fl-implimentazzjoni tal-operazzjoni b'1 720 siegħa.

Artikolu 47

Eliġibbiltà tal-ispejjeż amministrattivi

1. L-ispejjeż amministrattivi mħallsa mill-benefiċjarju tal-appoġġ imsemmi fl-Artikolu 45 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jew mill-benefiċjarju tal-appoġġ imsemmi fl-Artikolu 51 ta' dak ir-Regolament għandhom jitqiesu bħala eliġibbli għall-appoġġ jekk dawn jitħallsu fir-rigward tal-preparazzjoni, l-implimentazzjoni jew is-segwitu ta' dik l-operazzjoni appoġġjata partikolari jew azzjoni sottostanti.

▼B

Għall-finijiet tal-Artikolu 45 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, l-ispejjeż tal-awditjar estern għandhom jitqiesu eliġibbli għall-appoġġ fejn tali awditjar jitwettaq minn korp estern indipendenti u kwalifikat.

2. L-ispejjeż amministrattivi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jitqiesu eliġibbli jekk dawn ma jaqbżux l-4 % tat-total tal-ispejjeż eliġibbli tal-implimentazzjoni tal-operazzjoni.

3. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu jekk l-ispejjeż amministrattivi msemmija fil-paragrafu 1 humiex eliġibbli fuq il-bażi ta' ammont b'rata fissa jew tal-ispejjeż reali stabbiliti fuq il-bażi tal-evidenza dokumentata li trid tiġi sottomessa mill-benefiċjarji. Fil-każ tal-aħħar, il-kalkolu ta' dawk l-ispejjeż għandu jkun ibbażat fuq il-prinċipji, ir-regoli u l-metodi tal-kontabbiltà użati fl-Istat Membru fejn huwa stabbilit il-benefiċjaru.

Artikolu 48

Eliġibbiltà tat-taxxa fuq il-valur miżjud

1. It-taxxa fuq il-valur miżjud ma għandhiex tkun eliġibbli għall-appoġġ, ħlief fejn din ma tistax tiġi rkuprata skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-VAT meta tkun imġarrba ġenwinament u definittivament mill-benefiċjarji għajr il-persuni mhux intaxxabbli msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE ([1]).

2. Sabiex il-VAT li mhijiex rekuperabbli tkun eliġibbli, kontabilist iċċertifikat jew awditur statutorju tal-benefiċjarju jrid juri li l-ammont imħallas ma ġiex irkuprat u li dan iddaħħal fil-kontijiet tal-benefiċjaru bħala imposta.

Artikolu 49

Ħlasijiet bil-quddiem

L-Istati Membri jistgħu jistipulaw li jkun hemm appoġġ għal operazzjoni partikolari jew għal kwalunkwe azzjoni unika koperta mill-applikazzjoni għal appoġġ skont l-Artikoli 45, 46, 50, 51 u 52 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 li għandu jingħata bil-quddiem lill-benefiċjarji, sakemm il-benefiċjarju jkun iddepożita garanzija xierqa.

Artikolu 50

Esklużjoni

Ma għandu jingħata ebda appoġġ lil produtturi li jkunu qed iwettqu tħawwil illegali u jaħdmu żoni mħawwlin bil-vinji mingħajr l-awtorizzazzjoni msemmija fl-Artikoli 85a u 85b tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u l-Artikolu 71 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 rispettivament.

Artikolu 51

Notifiki

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw il-Kummissjoni bl-implimentazzjoni tal-programmi ta' appoġġ tagħhom, l-għajnuna mill-Istat mogħtija u l-appoġġ mogħti bil-quddiem lill-benefiċjarji skont il-kundizzjonijiet dettaljati stabbiliti fil-Kapitolu III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1150.

([1]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1).

▼B

Jekk Stat Membru jonqos milli jagħmel notifika kif mitlub skont dan ir-Regolament jew jekk jagħmel notifika li tidher li ma tkunx korretta fid-dawl tal-fatti oġġettivi li jkollha f'idejha l-Kummissjoni, il-Kummissjoni tista' tissospendi l-ħlasijiet kollha li jsiru kull xahar imsemmija fl-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1306/2013 għas-setturi tal-inbid sa ma n-notifika ssir kif suppost.

KAPITOLU IV

ĠESTJONI FINANZJARJA

Artikolu 52

Hlas lill-benefiċjarji

1. Il-ħlasijiet skont it-Taqsima 4 tal-Kapitolu II tat-Titolu I tal-Parti II tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 għandhom isiru fit-totalità tagħhom lill-benefiċjarji, mingħajr ħsara għall-Artikolu 28 ta' dan ir-Regolament.

2. Minkejja l-Artikolu 49, il-ħlasijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu soġġetti għal kontrolli preċedenti kif stipulat fl-Artikolu 54(1).

Artikolu 53

Bidliet fl-operazzjonijiet tal-benefiċjarji

1. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu regoli dwar bidliet fl-operazzjonijiet sottomessi mill-benefiċjarji u approvati mill-awtoritajiet kompetenti.

Qabel is-sottomissjoni tat-talba għal ħlas finali, u fi kwalunkwe każ qabel il-kontroll fuq il-post qabel il-ħlas finali, benefiċjarju għandu jkun permess jissottometti bidliet għall-operazzjoni approvata fil-bidu sakemm dawn ma jostakolawx l-għanijiet tal-operazzjoni globali, huma ġġustifikati kif suppost, ikkommunikati fil-limiti ta' żmien stabbiliti mill-awtoritajiet nazzjonali u approvati minnhom.

2. L-Istati Membri jistgħu jippermettu li bidliet żgħar fl-ammont approvat fil-bidu tal-appoġġ eliġibbli jiġu implimentati mingħajr l-approvazzjoni minn qabel, sakemm dawn ma jaffettwawx l-eliġibbiltà ta' kwalunkwe parti tal-operazzjoni u l-għanijiet globali tagħha.

B'mod partikolari, l-Istati Membri jistgħu jippermettu trasferimenti finanzjarji bejn l-azzjonijiet koperti minn operazzjoni diġà approvata sa massimu ta' 20 % tal-ammonti approvati fil-bidu għal kull azzjoni, sakemm l-ammont totali tal-appoġġ approvat għall-operazzjoni ma jinqabiżx.

Fil-programmi ta' appoġġ tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jagħmlu provvediment għal bidliet żgħar oħrajn li jistgħu jiġu implimentati mingħajr approvazzjoni minn qabel.

▼B

Artikolu 54

Prinċipji ġenerali

1. Minkejja l-Artikolu 49, l-appoġġ għandu jitħallas ġaladarba jkun ġie aċċertat li jew operazzjoni komprensiva jew l-operazzjonijiet kollha individwali koperti mill-applikazzjoni għall-appoġġ, skont l-għażla li jagħmel l-Istat Membru għall-ġestjoni tal-miżura ta' appoġġ konċernata, jkunu ġew implimentati bis-sħiħ u soġġetti għal kontrolli amministrattivi u, fejn applikabbli, fil-post skont it-Taqsima 1 tal-Kapitolu IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1150.

▼M1

2. Meta l-appoġġ normalment ikun jista' jitħallas wara l-implimentazzjoni tal-operazzjoni komprensiva, l-appoġġ għandu xorta waħda jitħallas għall-azzjonijiet singoli implimentati, jekk il-kontrolli juru li l-bqija tal-azzjonijiet ma setgħux jitwettqu minħabba *force majeure* jew ċirkostanzi eċċezzjonali fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 jew jekk il-kontrolli juru li, anke jekk il-bqija tal-azzjonijiet ma jkunux twettqu, l-objettiv ġenerali tal-operazzjoni madankollu jkun intlaħaq.

2a. Jekk il-kontrolli juru li operazzjoni komprensiva koperta mill-applikazzjoni għall-appoġġ ma tkunx ġiet implimentata bis-sħiħ iżda l-objettiv ġenerali tal-operazzjoni madankollu jkun intlaħaq, l-Istati Membri għandhom iħallsu appoġġ għall-azzjonijiet singoli li jkunu ġew implimentati skont il-paragrafu 2 u japplikaw penali li tammonta għal 100 % tal-ammont inizjalment allokat għal dawk l-azzjonijiet fl-applikazzjoni għall-appoġġ li ma jkunux ġew implimentati bis-sħiħ.

F'każijiet fejn l-ammont ta' appoġġ li jkun tħallas wara l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet singoli jkun ogħla mill-ammont iddeterminat bħala dovut wara li jkunu twettqu l-kontrolli, l-Istati Membri għandhom jirkupraw l-appoġġ imħallas indebitament.

F'każijiet bħal dawn, jekk ikun hemm ħlas bil-quddiem, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li japplikaw penali.

3. Jekk mill-kontrolli jirriżulta li operazzjoni komprensiva koperta mill-applikazzjoni għall-appoġġ ma tkunx ġiet implimentata f'każijiet għajr dawk stipulati fil-paragrafu 2, u fejn l-appoġġ ikun tħallas wara azzjonijiet singoli li jkunu parti mill-operazzjoni komprensiva koperta mill-applikazzjoni għall-appoġġ, l-Istati Membri għandhom jirkupraw l-appoġġ li jkun tħallas.

▼B

F'każijiet bħal dawn, jekk ikun sar ħlas bil-quddiem, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li japplikaw penali.

4. Il-paragrafi 1 u 3 ma għandhomx japplikaw fejn l-operazzjonijiet appoġġati skont l-Artikoli 46 u 47 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 rispettivament ma jiġux implimentati fuq is-superfiċje totali li għaliha jkun intalab l-appoġġ.

F'każijiet bħal dawn, l-Istati Membri għandhom iħallsu l-ammont li jikkorrispondi għall-parti tal-operazzjoni li tkun ġiet implimentata jew, fil-każ ta' ħlas bil-quddiem, jirkupraw l-ammont imħallas fir-rigward tal-parti li ma tkunx ġiet implimentata.

L-ammont tal-appoġġ għandu jkun ikkalkulat fuq il-bażi tad-differenza bejn iż-żona approvata wara l-kontrolli amministrattivi fuq l-applikazzjoni tal-appoġġ jew immodifikata skont l-Artikolu 53 ta' dan ir-Regolament u ż-żona fejn l-operazzjoni tkun ġiet implimentata tabilħaqq, u din għandha tiġi ddeterminata mill-kontrolli fuq il-post wara l-implimentazzjoni.

▼B

Meta d-differenza ma taqbiżx l-20 %, l-appoġġ għandu jkun ikkalkulat fuq il-bażi taż-żona ddeterminata mill-kontrolli fuq il-post wara l-implimentazzjoni.

Meta d-differenza taqbeż l-20 % iżda ma tkunx aktar minn 50 %, l-appoġġ għandu jkun ikkalkulat fuq il-bażi taż-żona ddeterminata mill-kontrolli fuq il-post wara l-implimentazzjoni u għandu jitnaqqas b'darbtejn id-differenza li tinstab.

Meta d-differenza taqbeż il-50 %, ma għandu jingħata l-ebda appoġġ għall-operazzjoni konċernata.

Artikolu 55

Skali standard tal-ispejjeż għal kull unità u l-metodi ta' kontroll

Għall-finijiet tal-Artikoli 46 u 47 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:

(a) jekk l-ammont tal-appoġġ huwa kkalkulat fuq il-bażi ta' skali standard ta' spejjeż għal kull unità bbażati fuq unità ta' kejl tal-wiċċ, l-ammont għandu jikkorrispondi għas-superfiċje attwali mkejla skont l-Artikolu 44 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1150;

(b) jekk l-Istati Membri jiddeċiedu li jikkalkulaw l-ammont tal-appoġġ fuq il-bażi tal-iskali standard tal-ispejjeż għal kull unità bbażati fuq unitajiet oħrajn ta' kejl jew fuq il-bażi tal-ispejjeż attwali li jirriżultaw mill-evidenza dokumentata sottomessa mill-benefiċjarji skont l-Artikolu 44(1) ta' dan ir-Regolament, dawn għandhom jistabbilixxu regoli dwar metodi ta' kontroll xierqa biex jistabbilixxu l-limitu attwali tal-implimentazzjoni tal-operazzjoni.

Artikolu 56

Force majeure u ċirkostanzi ta' eċċezzjoni

Fejn, skont it-Taqsima 4 tal-Kapitolu II tat-Titolu I tal-Parti II tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jew dan ir-Regolament, għandha tkun imposta sanzjoni, din m'għandhiex tkun imposta f'każijiet ta' *force majeure* jew f'ċirkustanzi eċċezzjonali u każijiet oħrajn kif stabbilit fl-Artikolu 64(2) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

KAPITOLU V

EMENDI U DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻITORJI U FINALI

Artikolu 57

Emendi għar-Regolament (KE) Nru 555/2008

Ir-Regolament (KE) Nru 555/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, jitħassru l-punti (a), (d) u (f);

(b) jitħassar il-paragrafu 3;

(2) jitħassru l-Artikoli 2 sa 20c;

▼B

(3) fl-Artikolu 23, jitħassar il-paragrafu 3;

(4) jitħassru l-Artikoli 24 sa 37b;

(5) jitħassar l-Artikolu 60;

(6) jitħassru l-Artikoli 62, 63 u 64;

(7) fl-Artikolu 65, jitħassru l-paragrafi 1 sa 4;

(8) jitħassar l-Artikolu 66;

(9) jitħassru l-Artikoli 75 sa 82;

(10) jitħassru l-Artikoli 96 u 97;

(11) jitħassru l-Annessi I sa VIIIc.

Artikolu 58

Dispożizzjonijiet tranżitorji

1. Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 555/2008 li huma mħassrin skont l-Artikolu 57 ta' dan ir-Regolament għandhom ikomplu japplikaw għal dawk l-operazzjonijiet li ġew sottomessi lill-awtoritajiet kompetenti qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operazzjonijiet li għalihom ikomplu japplikaw id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 555/2008 skont il-paragrafu 1 huma identifikati b'mod ċar permezz tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll tagħhom.

Artikolu 59

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.